**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 227/2015**

**Illum: 13 ta' Novembru 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Pascal Bartolo**
**(ID 0082487(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Pascal Bartolo ta' 27 sena, iben Emmanuel u Veronique nee` Borg Costanzi, imwieled il-Pieta` nhar it-3 ta' Frar 1987 u joqghod No. 8, Triq Santa Lucia, Sqaq Numru 3, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 0082487(M);

Akkuzat talli f'Jannar 2015:

Importa jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (*cannabis grass*) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fil-hames snin ta' qabel Jannar 2015:

Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta tal-*cannabis* kollha jew bicca minnha.[1]

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2017, il-Prosekuzzjoni ddikjarat dwar l-ewwel imputazzjoni, illi l-importazzjoni mertu tal-istess imputazzjoni kienet intiza ghall-uzu esklussiv tal-imputat;

Rat ukoll illi fl-istess seduta, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' dawn l-istess imputazzjonijiet, b'dan illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ossia dik li permezz taghha l-imputat gie akkuzat bil-pussess semplici tal-pjanta tal-*cannabis*, il-Qorti qed issib htija biss fir-rigward tal-perjodu bejn is-16 ta' Gunju 2012 sa Jannar 2015 u dan ghas-segwenti raguni:

It-tieni imputazzjoni tirreferi ghall-"*hames snin ta' qabel Jannar 2015*" u b'dan il-Qorti tifhem illi l-istess imputazzjoni qeghda tirreferi ghall-perjodu bejn Jannar 2010 u Jannar 2015. L-azzjoni dwar din l-imputazzjoni hija preskrivibbli bl-gheluq ta' hames snin ai termini tal-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta mill-atti illi l-imputat deher l-ewwel darba quddiem din il-Qorti fis-16 ta' Gunju 2017, f'liema data saret proprju l-ewwel seduta sabiex tinstema' din il-kawza u nqraw l-akkuzi kif korretti u emendati. Dan ifisser illi in kwantu jirrigwarda l-perjodu bejn Jannar 2010 u l-15 ta' Gunju 2012, l-azzjoni kienet preskritta u ghaldaqstant, il-Qorti tista' ssib htija biss ghall-perjodu bejn is-16 ta'

[1] L-imputazzjonijiet originali kienu jirreferu ghar-raza tal-*cannabis*, izda dawn gew korretti u emendati fuq talba tal-Prosekuzzjoni b'digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Gunju 2017 (ara a fol. 5 tal-process).

Gunju 2012 sa Jannar 2015 u mhux b'referenza ghall-hames snin ta' qabel Jannar 2015, skont kif giet redatta t-tieni imputazzjoni.

Ghal fini ta' piena dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti qieset id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Nikolai Sant u dan fis-sens illi l-importazzjoni tas-sustanza in kwistjoni kienet intiza esklussivament ghall-uzu personali tal-imputat. Qieset ukoll l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri, kif ukoll il-fedina penali tieghu li, saz-zmien tal-kaz odjern, kienet wahda netta.

Qieset mill-banda l-ohra, in-natura u s-serjeta` tal-ewwel imputazzjoni odjerna u r-relazzjoni tal-espert forensiku x-Xjenzat Godwin Sammut, mil-liema jirrizulta illi huwa nghata, ghall-analizi tieghu, borza tal-plastik trasparenti li fiha haxix ta' lewn ahdar u illi fuq estratti mehuda mill-istess haxix, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol.* Il-piz total tal-haxix kien ta' 28 grammi – ammont dan li fil-fehma tal-Qorti m'huwiex wiehed negligibbli[2] – u l-purita` kienet ta' cirka 6%.

Qieset ukoll is-sottomissjonijiet tad-difiza dwar il-piena u dan fis-sens illi l-imputat jghix hajja stabbli u m'ghandu l-ebda kazijiet ohra pendenti, kif ukoll illi ghandu l-appogg tal-familjari tieghu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 2(1), 8(d), 12, 15A, il-proviso ghall-Artikolu 22(1B), l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu (b'dan illi kif inghad izjed 'il fuq, dwar it-tieni imputazzjoni qed tilliberah mir-reat ta' pussess semplici tal-pjanta tal-*cannabis* in kwantu l-perjodu Jannar 2010 sal-15 ta' Gunju 2012 stante li l-azzjoni hija preskritta f'dan ir-rigward u qed issib htija dwar l-istess reat biss fir-rigward tal-perjodu bejn is-16 ta' Gunju 2012 u Jannar 2015) u tikkundannah ghall-piena ta' multa ta' elf u seba' mitt Ewro (€1,700) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jistghu jithallsu mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' sebghin Ewro (€70) bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan ukoll illi kemm il-darba l-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc kollu jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

---

[2] Is-sustanza in kwistjoni tidher ukoll fir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni tal-espert PS 612 Theo Vella, esebita a fol. 17 tal-process.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta ossia l-ispejjez in konnessjoni mal-hatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija, erbgha u hamsin Ewro, sitta u sebghin centezmu (€154.76) u dawk konnessi mal-hatra tas-*Scene of the Crime Officer* PS 612 Theo Vella, ammontanti ghas-somma ta' sitta u erbghin Ewro, erbgha u hamsin centezmu (€46.54). Tali spejjez jammontaw b'kollox ghas-somma ta' mitejn Ewro u Ewro u tletin centezmu (€201.30) u ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien tliet (3) xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat